MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 524/2012

**Alfred Simiana K.I.543542(M) u Theresa Simiana**

**vs.**

**Janice Mizzi K.I.424271(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu l-atturi talbu il-hlas tas-somma ta' elf tliet mija u sittin Ewro (€1,360), rapprezentanti self brevi manu moghti mill-atturi lill-konvenuta, liema self, li inghata fis-16 t'Ottubru 2011, kien jammonta ghal elf u sitt mitt Ewro, liema ammont jinkludi l-imghax dovut, u mil-liema self il-konvenuta hallset lura biss is-somma ta' mitejn u erbghin Ewro (€240), minkejja li kienet obbligat ruhha li thallas l-ammont shih fi zmien disa' xhur mid-data tas-self;

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenuta debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, ma pprezentatx risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba izda dehret ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal fl-24 ta’ Settembru 2012.

Illi fl-istess seduta sema lill-konvenuta tixhed bil-gurament fejn hija ammettiet it-talba attrici kif dedotta u kkonfermat li ghandha thallas lill-atturi s-somma ta’ elf, tliet mija u sittin Ewro (€1,360).

It-Tribunal spjega lill-konvenuta l-effett ta’ tali ammissjoni u ddiferixxa t-talba ghas-sentenza ghas-seduta odjerna.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz, billi fuq ammissjoni tal-istess konvenuta, jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ elf, tliet mija u sittin Ewro (€1,360), bl-imghax legali dekorribbli mis-26 ta’ Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-Avviz tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficcjali fl-ismijiet premessi numerata 1216/12 u tal-mandat ta’ sekwestru numerat 1541/12, huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------